**Regina**

Leo kien ghadda minn trawma twila fi tfulitu li xi kultant kien jitkellem dwarha xi kultant kien jippreferi jinsiha ftit ghal gid tieghu nnifsu kif ukoll ta' l-ohrajn. Ta' tfajjel ckejken ta' sebgha snin ghamel matul sentejn go soda jissielet sabiex ikun jista' jerga' jmidd pass wiehed wara incident ta' karozza fejn kienu mietu ommu u missieru. L-ihirsa ta' dawn it-tnejn kienu kibru mieghu u kiber taht id-dell ta' nanntu Marija. Izda ghalkemm it-trawma kienet kbira illum seta' jghid li minnha kien hareg il-fjur.

Issa li kien lesta kors twil universitarju u dahal jahdem ma' kumpanija ta' l-assikurazzjoni b'paga tajba seta' jhares 'il quddiem lejn hajja gdida u progetti godda. Kien ilu sitt xhur jahdem mal-kumpanija u dal-ghodu kellu jitla' jiddepozita xi cekkijiet il-bank. Kien jaf li dan kien ser itellfu hafna hin u kien jaf ukoll illi ta' fuqu ftit li xejn kien ser jaccetta li x-xoghol proprju tieghu ma dahalx fil-hin ghax kellu jiddepozita l-flus il-bank. Irranga l-ingravata u libes il-glekk ghalkemm din biss ukoll kienet kundanna bis-shana kbira li kien hemm barra.

Adreanna, ir-receptionist, ippreparatlu dik it-tbissima kbira u sabiha ghal meta jghaddi minn hdejha bhas-soltu izda hu ma dehrlux li kien iz-zmien li jistaqsiha biex tohrog mieghu. Il-bank kien hemm serbut twil ta'nies. Kellu jistenna fil-kju u quddiem ghajnejh beda jara biss l-arlogg idur bil-mod. Kienet diga' ghaddiet nofs siegha x'hin mess lilu. F'mohhu kien qed jhewden fuq il-mod kif kien ser jipprezenta x-xoghol tieghu fuq il-kompjuter. Dak il-hin kemm xtaq li kellu kompjuter!

Izda minkejja l-ansjeta' li kellu sabiex jehles u jitlaq 'il barra f'daqqa wahda, malli hareg il-flus mill-basket u poggihom fuq il-bank, mill-aljenazzjoni kbira li kellu jieqaf hesrem. Ghajnejh iltaqghu ma' l-isbah par ghajnejn li qatt kien ra. Anzi, qatt ma kien jaf li xi par ghajnejn qatt kellhom dak l-effett fuqu. Filli mohhu kien qed jhewden fuq ix-xoghol li halla warajh filli donnha laqtitu sajjetta li hallietlu mohh biss ghal dak li kien qed jara quddiemu.

Ghajnejh iltaqghu ma' l-ghajnejn tal-kaxxiera u mxew flimkien. Kienet tfajla b'gilda samra bellusija u b'ghajnejn kannella cari iktar mill-gilda ta' wiccha. Ix-xaghar t'ghajnejha kien twil u iswed u geddumha zghir. Xagharha kien nokkli kannella fl-ahmar u xofftejha kienu zghar u mimlija. Ghajnejh ma setghux jinqalghu minn fuqha u ghal mumenti ta' silenzju li dehru twal donnhom hadmu wahedhom biex jaghrblu sewwa dak li kienu qed jaraw.

‘Depozitu?’ staqsietu. Dak il-hin induna li ma setghax ma jkellimx. Waqt li dahhlitlu l-informazzjoni fil-kompjuter Leo hass nifsu jitqal, qalbu thabbat qisha mifxula, ghajnejh jippruvaw jahbu l-mod helu li bih kienu qed iharsu lejn it-tfajla, haddejh jihmaru, idejh jirtoghdu. Kien diga’ qed jhewden x’seta’ kien gara. Forsi kien l-ambjent? Id-dawl? Qatt ma kien gralu hekk qabel. Izda ghalkemm mohhu kien qed jipprova jsib elf raguni plawzibbli ghalxiex kien qed ihossu hekk, ghajnejh bdew jimirhu ‘l fuq u ‘l isfel lejn ix-xbieha ta’ quddiemu u wiccu xeghel bil-misthija. Spallejn it-tfajla kienu zghar u qaddha izghar. Subghajha twal u puliti. F’daqqa wahda hares lejn isimha miktub fuq sidirha : ‘Regina’ Dak kien li kien jonqos biex din it-tfajla li kien ra l-ewwel darba f’hajtu ssir it-tfajla tal-holm tieghu – Regina – x’isem sabih!

F’hin minnhom induna li ghajnejh kienu regghu ltaqghu ma’ taghha u li giet fuq fommha tbissima mhix bhall-ohrajn. Il-misthija ghelbitu u rega’ hass wiccu jihmar u shana kbira hierga minnu. Imbaghad induna li kienet qed tistaqsieh l-isem ezatt tal-kumpanija. Induna li kienet staqsiethu diga’ xi darbtejn ohra bla ma ntebah.

Kien hemm xi kumplikazzjonijiet. Regina ghajtet lil Jeremy u dan dlonk gie biex jghinha. Kellu jigi wkoll Leslie u Paul. Imbaghad giet Elisa. Kollha daru maghha biex jghinuha ghaliex ghalkemm kien semplici depozitu kien xi problemi biex tidhol l-informazzjoni. Lil Leo dehrlu li mhux biss isimha kien Regina izda kulhadd kien jittrattha ta’ regina. Ghajtet lil shabha u kollha gew ma’ l-ewwel sejha. Wara ghadda Antoine u stasieha ghandhiex bzonn xi haga. Donnhom dawk kollha li kienu jahdmu maghha kienu qeghdin hemm biex jaqduha. Min-naha taghha hi tablet l-ghajnuna taghhom b’kunfidenza liema bhalha. Kienet verament regina. Id-dinja dehret li qed iddur maghha u kull skrivan iehor deher li qieghed hemm biex jaqdi lilha. F’lehinha kienet tinstema’ certa awtorita’.

Regina kienet qed tiddepozita l-ahhar cekk. Dak il-hin Leo xtaq li kellu iktar hin quddiemha. Hares warajh u ftakar fil-kju ta’ nies li kien warajh u rega’ hmar jahseb biss kemm kien egoist.

Fl-ahhar wasat it-tmiem u hareg ‘il barra ha jmur lura x-xoghol. Dak inhar ghadda l-kumplament tal-gurnata taparsi jgerger ma’ siehbu ta’ l-ufficcju li dam wisq il-bank. Iktar kemm isemmi l-kelma bank iktar qalbu kienet taqbez u tiftakar f’Regina. Izda ghal xi raguni stramba ma riedx jghid lil Claude li ra tfajla helwa li ghogbitu. Malli Claude semmielu lil Marie- donnu dak l-isem ma fisser xejn iktar ghalih.

Marie kienet tfajla li kien hareg darbtejn maghha. Fil-gimghat ta’ wara rega’ hareg ma’ Marie xi darbtejn ohra izda kellu jghidilha li ma xtaqx ikompli. Adreana wkoll kienet baqghet turieh bic-car li kien jogghobha. Kien iltaqa’ ma’ Stephania u Claude ma setax jifhem kif ma harigx maghha. Dak kollu kien qed jaghmel kien qed jaghmlu biss ghal raguni wahda – kien jisimha Regina.

Kull meta kien ikun hemm bzonn isiru xi depoziti kien jghir jekk imur Claude. Kien jistaqsi lilu nnifsu kif Claude qatt ma nnota lil Regina. Kif seta' Claude ma jarax sbuhija ta' tfajla bhal dik?

Id-destin kien ikrah fuqu. L-ewwel tlett darbiet li kellhom isiru depoziti wara l-esperjenza ta' regina ta' fuqu baghat dejjem lil Claude. Imbaghad gie hsieb. Kellu jiddepozita xi haga personali u rega mar il-bank. Hemmhekk rega' ra lil Regina li ma qdietux hi. Kienu diga' ghaddew xahrejn u l-memorja taghha tant kienet friska gewwa mohhu li nduna kemm kien jiftakarha sew.

Ghaddew mhux biss gimghat izda xhur. Il-bzonn li jkellem lil Regina kien qed jikber gewwa fih. Dik it-tfajla li kien jisimha, kellha s-sbuhija u kienet tghix fid-dinja ta' Regina. Ma setghax ikompli hajtu qabel ma jkellem lilha. Imqar jekk jaqta' qalbu darba ghal dejjem minnha.

Ir-risposta giet sena wara. Habib tieghu li kien mieghu l-iskola, Alan, gie jahdem b'dik il-fergha tal-bank. B'misthija kbira u b'nofs dahqa staqsiet dwar Regina. Alan tbissem u qalli li kien ser jistaqsiha.

Ghaddew jumejn u fl-ahhar cempel it-telfon. Alan qallu li Regina kienet gharusa. Dan hassbu mhux hazin.

Ma damx ma nzerta kellu jmur il-bank u ghal darb'ohra Regina kellha taqdi lil Leo. Il-harsa f'ghajnejha kienet inbidlet. Dik f'ghajnejh ukoll. Izda l-harsa taghha iktar milli kienet il-harsa ta' mara li hadet pjacir tirrifjuta ragel kienet wahda miksura li qed tahbi dieqa kbira.

Iz-zmien dejjem ghaddej. Kienu ghaddew sentejn minn mindu kien iltaqa' ma' Regina ghall-ewwel darba. Mohhu kien baqa' dejjem jhewden fuqha. Kien jaf li kull tfajla li kien hareg maghha kien ghamel hekk beix jinsa lil Regina u kull tfajla li kien hareg maghha kienet tixbah lil Regina. Xi haga gewwa baqghet tghidlu li Regina riditu izda ma kienetx qed tghidlu l-verita'. Kemm il-darba pprova jimmagina lil dan ir-ragel li kien hadlu lil Regina izda ma setghax.

Fl-ahhar iddecieda li jerga' jkellem lil Alan. Qallu biex jerga' jistaqsi lil Regina dwaru halli jaqta' qiesu darba ghal dejjem. Qalli li ghalih kienet tfajla differenti mill-ohrajn kollha u kull ma kien xtaq li jitaqa' darba wahda maghha biss 'il boghod mill-bank. Fetah qalbu mieghu u qallu li kull ma kien jahseb kien dwarha biss. Ghal Leo din il-konversazzjoni kienet tqila wisq. Ma setghax aktar jinheba wara c-cajt jew wara l-irgulija. Kienet zarmat totalment minn kull hajt ta' protezzjoni fejn tidhol Regina. Kien diga' qed ihoss it-toqol tad-dnub li qed jipprova jiehu mara ta' haddiehor. L-iljieli bdw jimtlew dejjem iktar b'intensita'. Ma setghax jemmen li xtaq tfajal daqshekk minkejja li hareg ma tant tfajliet. F'mohhu kellu tfajla wahda biss; kien jisimha Regina.

Bit-thwedin dejjem jikber gewwa mohhu Leo fl-ahhar hassu qed jerga jirbah. Rega' cempel it-telefon. Alan spjegalu diskursata twila li kellu ma' Regina. Fl-ahhar Regina kienet accettat li tiltaqa' mieghu.

Leo hassu ha jtir. Minn gewwa qalbu ghaddiet xmara ta' tama gdida. Saghtejn wara cemplet Regina. Instemghet hosbiena u staqsietu ghal darba tnejn tlieta kienx cert li jiltaqa' maghha. Bhal tifel zghir spjegalha li minn l-ewwel darba li raha ma waqafx jahseb fuqha u li ghalkemm Alan kien qallu li kienet ta' haddiehor xorta mohhu baqa' jhewden fuqha.

Imbaghad Regina xxukkjatu. Qaltlu li lil dak li rabatha ser iggibu maghha. Leo haseb li Regina kienet daqshekk intelligenti li kienet taf li jekk hu jara lir-ragel li kien maghha kien jaqta' qiesu darba ghal dejjem. Leo tant ma kellux triq ohra li accetta.

Ftiehmu hdejn id-dar ta' missierha. Dak il-jum kien jum iehor ta' tensjoni. Ma jiftakarx kif ghadda. Leo ghamel il-fwieha u pprova jidher sabih u ferhan.

Wasal bil-karozza quddiem id–dar li ddeskrivietlu Regina nofs siegha qabel. Fil-hin miftiehm gie fuq ragel u staqsieh jekk kienx qed jistenna lil Regina. Qallu li kien missierha. Leo nhasad izda wiegbu iva. Missier Regina fetah il-bieb tal-kewba berah min-naha tat-tnejn. Qalb Leo qabzet. Ir-Regina tieghu kienet ir-Regina ta' kulhadd. Ghalkemm ma setghax jifhem sa l-ahhar dak li qed jigri qalbu qabzet bl-ecitament. Tant kienet Regina ta' veru Regina li baghtet l-pagg taghha qabilha jistaqsieh jekk kienx hu u li qabel tohrog kienu jinfethulha z-zewg bibien tad-dar. Qalb Leo qabzet mill-gdid.

Imbaghad, b'ghajnejh iffissati fuq il-bieb miftuh berah – bil-mod il-mod missier Regina hareg dahru lejh. U hemm kienet Regina – ma dak li kien rabatha ….. is-siggu tar-roti. Regina fuq it-tron.